31989L0681

30.12.1989 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 398/27

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1989

li temenda d-Direttiva 87/402/KEE dwar strutturi ta' protezzjoni kontra l-qlib immuntati fuq in-naħa ta' quddiem tas-sedil tas-sewwieq fuq tratturi bir-roti għall-agrikultura u għall-forestrija, b'karreġġjata dejqa

(89/681/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

F'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri bl-għan li jistabbilixxu progressivament is-suq intern matul perjodu li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern hu magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha huwa assigurat il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital;

Billi l-Artikolu 12 tad-Direttiva 87/402/KEE [4] jistabbilixxi li d-Direttiva msemmija għandha tkun issupplimentata b'dispożizzjonijiet li jintroduċu testijiet addizzjonali ta' impatt fil-proċedura tat-test dinamiku;

Billi, minħabba li diġà hemm dispożizzjoni għal test addizzjonali fil-każ tal-proċedura tat-test statiku, jeħtieġ li anki fil-proċedura tat-test dinamiku jkun hemm il-ħsieb għal test addizzjonali - li b'mod iktar preċiż jirrifletti s-sitwazzjoni fil-każ li jinqaleb xi *tractor* - sabiex dawn iż-żewġ proċeduri ta' test isiru ekwivalenti u l-iżbilanċ preżenti li hemm bejniethom ikun eliminat;

Billi, biex wieħed iserraħ rasu fuq il-parametri u l-kalkoli, ir-riżultati ta' l-esperimenti prattiċi magħmula fuq strutturi mmuntati fuq in-naħa ta' wara jistgħu jiġu trasposti għall-istess tip ta' struttura, iżda mmuntati fuq quddiem,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 87/402/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1. Fl-Anness IV-A, il-punt 1.6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.6. **Testijiet addizzjonali**

1.6.1. Jekk xquq jew tiċrit li ma jistgħux jitqiesu negliġibbli jidhru waqt it-test ta' impatt, test ieħor, simili, iżda b'għoli ta' waqgħa ta':

$$H' = \frac{H}{10} \times \frac{12 + 4a}{1 + 2a}$$

irid isir immedjatament wara t-testijiet ta' impatt li ħolqu dawn ix-xquq jew tiċrit, 'a' tkun il-proporzjon tad-diformazzjoni permanenti għad-diformazzjoni elastika ($a = D_p/D_e$) hija mkejla fil-punt ta' l-impatt.

Id-diformazzjoni permanenti addizzjonali dovuta minħabba t-tieni impatt ma tridx taqbeż it-30 % tad-diformazzjoni permanenti dovuta minħabba l-ewwel impatt.

Sabiex ikun jista' jsir it-test addizzjonali, jeħtieġ li titkejjel id-diformazzjoni elastika waqt it-testijiet kollha ta' impatt.

1.6.2. Jekk, matul it-test tat-tgħaffiġ, jidhru ammont sew ta' xquq u tiċrit, test ta' tgħaffiġ simili iżda b'saħħa ekwivalenti għal 1,2 F_v, irid isir immedjatament wara t-test ta' tgħaffiġ li kkaġuna dawn ix-xquq jew tiċrit.";

2. Fl-Anness VI, il-punt li ġej huwa miżjud:

"7.3. Indikazzjoni u riżultati ta' kull test dinamiku addizzjonali".

[1] ĠU C 305, tat-30.11.1988, p. 7.
[2] ĠU C 120, tas-16.5.1989, p. 70, u ĠU C 256, tad-9.10.1989, p. 76.
[3] ĠU C 102, 24.4.1989, p. 6.
[4] ĠU L 220, tat-8.8.1987, p. 1.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn 12-il xahar mit-3 ta' Jannar 1990. Għandhom minnufih javżaw b'dan lill-Kummissjoni.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

E. CRESSON